MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 728/2005

Denise u Dennis konjugi Micallef
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi Dennis u Denise konjugi Micallef kellhom tarbija li kienet twieldet fit-18 ta' Gunju 2004, bl-isem ta' Kaseyan, liema tarbija kienet tinsab fil-kura u l-kustodja tal-atturi;

Illi bi zvista din it-tarbija kienet tnizzlet bhala "Kaseyan" fic-certifikat tat-twelid, meta fil-fatt l-atturi kienu riedu li l-isem tat-tarbija jitnizzel bhala "Casey Ann", u dan kif kien ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-Att tat-Twelid tal-minuri li kien igib in-numru ta’ iskrizzjoni tnejn, zero, tnejn, sitta tas-sena elfejn u erba’ (2026/2004), l-isem tal-minuri kien erronjament indikat bhala “Kaseyan”, meta fil-fatt l-atturi kienu riedu li jitnizzel l-isem ta’ “Casey Ann”;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li isem it-tarbija ta’ l-atturi li twieldet fit-18 ta’ Gunju 2004, huwa “Casey Ann”, u mhux “Kaseyan”;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri prezentat mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument “A”, fis-sens li l-kolonna “Ismijiet moghtijin”, jitnehha l-isem “Kaseyan”, u jigi sostitwit bl-isem “Casey Ann”, u fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”, tigi mnehhija l-kelma “Kaseyan”, u tigi sostitwita bl-isem “Casey Ann”;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-Dokumenti pubblici fejn jidher isem il-minuri fis-sens li kull fejn isem il-minuri huwa indikat bhala “Kaseyan”, jidhol minflok l-isem “Casey Ann”.

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-konvenut ma kienx edott mill-fatti u ghalhekk kien irrimetta ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghall-gudizzju tal-Qorti.

2. Illi l-attur kellu jispecifika l-Atti Civili kollha li kien qed jitlob li kellha ssir korrezzjoni fihom ai termini ta’ l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi kellha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez tal-konvenut.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern [fol 19 tal-process].

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Denise Micallef</u> li fih issemma li fit-18 ta' Gunju 2004 welldet tifla li riedet issemiha Casey Ann. Qalet li t-tifla hija maghrufa bhala Casey Ann mal-familjari kollha u hi twiegeb ghal dan l-isem ghax kullhadd isejhilha b'dan l-isem. Darba minnhom gabet certifikat tat-twelid ta' bintha u ndunat li isem it-tifla kien imnizzel bhala Kaseyan. Ziedet tghid li dan l-isem huwa ppronunzjat differenti minn kif il-genituri jsejhu lit-tifla taghhom, u ghalhekk iltaqghu ma' problemi. Ghalhekk talbu korrezzjoni fl-isem tat-tifla.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Dennis Micallef</u> li fih issemma li hu ghandu tifla li jismiha Casey Ann, u hu dejjem sejjhilha bhala Casey Ann. Semma li hu u l-mara tieghu kienu ndunaw li isem it-tifla taghhom hu miktub differenti minn kif tissejjah. Dan kien qed jikkawzalhom problemi, u semma li t-tifla kienet tirreagixxi meta jsehluha Casey

Ann. Ghalhekk talbu l-korrezzjoni tal-isem tat-tifla taghhom.

Gie prezentat affidfavit ta' Yvonne Azzopardi li fih issemma li hi tigi omm l-attrici. Qalet li hi tigi omm l-attrici li ghandha tifla li jisimha Casey Ann u ghalkemm ghadha zghira hi tirrispondi ghal dan l-isem. Semmiet li n-neputija taghha bdiet tigi msejha b'mod differenti minn kif semmewha l-genituri taghha u dan beda jikkawza problemi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi li fil-mertu hu mhux edott mill-fatti u ghalhekk kien irrimetta ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghall-gudizzju tal-Qorti. Dawn saru u qedghin jigu ezaminati.

It-tieni eccezzjoni ssostni li l-atturi kellhom jispecifikaw l-Atti Civili kollha li kien qed jitlob li kellha ssir korrezzjoni fihom ai termini ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid hekk:

(3) It-talba gudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) ghandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jigi rifless f'kull attta' l-istat Civili relattiv ghall-istess persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattivi taghhom.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta, u cioe` mill-Onor. Imhallef J. R. Micallef) fil-kawza fl-ismijiet **Albert Gatt et vs Direttur Registru Pubbliku**, fit-12 ta' Dicembru 2001 (Citazz. Nru. 2545/00):

"Illi t-talba tal-atturi hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, li jippermetti li ssir talba ghall-bdil tal-isem moghti lil tarbija u tal-isem li bih ghandha tissejjah fejn persuna tkun konsistentement maghrufa b' isem li huwa differenti minn dak li jkun

inghatalha fl-Att tat-Twelid. Sabiex talba bhal din issehh, il-legislatur ma riedx li jintwera li jkun sar zball mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn min mar jirregistra t-twelid u min ikun nizzel it-taghrif: huwa bizzejjed li jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li l-persuna kienet, ghal certu tul ta' zmien, maghrufa b'mod konsistenti minn kulhadd bl-isem li qieghed jintalab li jidhol minflok l-isem moghti;…"

"Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghall-bidla jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz prezenti, il-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isem it-tifel ikun muri konformement mad-dokumenti ohrajn li nhargu dwaru s'issa, u b'hekk jehlisu minn kull problema li jista' jinholoqlu bl-isem kif muri fl-Att tat-Twelid tieghu fil-gejjieni. Ma jidher li hemm l-ebda interess ta' terz li jista' jintlaqat hazin mit-talba maghmula mill-atturi *nomine*, u, fi kwalunkwe kaz, kien hemm zmien bizzejjed biex min kellu interess li jieqaf ghat t-talba taghhom jaghmel dan fiz-zmien moghti mil-ligi;

Illi, min-naha tieghu, l-imharrek ma opponiex ghat-talba;

Illi ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha, ghalkemm ghandu jinghad li ma jista' bl-ebda mod jinghad li l-bidla mitluba mill-atturi *nomine* hija l-frott ta' zball li jahti ghalih l-imharrek. Il-provi juru kollha li l-genituri riedu jaghtu lil binhom l-isem muri fl-Att tat-Twelid, imma kien biss wara xi zmien li ntebhu jew qiesu li l-isem maghzul kien jista' johloq xi diffikultajiet lil binhom;

Illi, madankollu, il-Qorti trid issemmi dak li jghid l-imharrek fit-tielet eccezzjoni tieghu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dik is-sottomissjoni, ghaliex fil-kaz prezenti, fejn il-persuna li isimha qieghed jintalab li jinbidel hija taht l-eta` ma jistax ikun hemm Atti ohrajn ta' Stat Civili li l-atturi *nomine* jistghu possibilment jitolbu li l-bidla mitluba tkun riflessa fihom. Ghalhekk, m'huwiex minnu li biex tintlaqa' talba

bhal dik maghmula mill-atturi *nomine* trid tabilfors issir talba ghall-bdil ta' Atti ohrajn, ladarba m'hemmx Atti ohrajn x'tibdel dwar dik il-persuna;…"

Dwar it-tielet eccezzjoni li kellha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din illum tinsab a fol 19 tal-process.

Finalment il-konvenut sostna li fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez tal-konvenut. Dwar dan l-atturi stess jaqblu ma' dan.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi mhux il-kaz li tigi milqugha t-talba tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandha ssir korrezzjoni f'atti ohra hlief ghal dak li saret it-talba ghaliha u dan minhabba l-eta` tenera tal-minuri li dwarha saret it-talba, kif issemma fis-sentenza citata.

Tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara li isem it-tarbija ta' l-atturi li twieldet fit-18 ta' Gunju 2004, huwa "Casey Ann", u mhux "Kaseyan". Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri esebit mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument "A", fis-sens li l-kolonna "Ismijiet moghtijin", jitnehha l-isem "Kaseyan", u jigi sostitwit bl-isem "Casey Ann", u fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", tigi mnehhija l-kelma "Kaseyan", u tigi sostitwita bl-isem "Casey Ann". Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fid-Dokumenti pubblici fejn jidher isem il-minuri fis-sens li kull fejn isem il-minuri huwa indikat bhala "Kaseyan", jidhol minflok l-isem "Casey Ann".

Minhabba li l-konvenut ma kellu ebda tort f'dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------